

Brussell, 16 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15177/23

**LIMITE**

**CLIMA 562  
ENV 1317  
ENER 623  
COTRA 35  
CDN 8  
RECH 507  
FIN 1169**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Alleanza Ekoloġika bejn l-UE u l-Kanada li għandha tiġi ffirmata mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni Ewropea u s-sħubija tal-Unjoni fl-Isfida Dinjija tal-Ipprezzar tal-Karbonju – Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti

---

1. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill approva, fil-qafas tal-proċedura għal Strumenti Mhux Vinkolanti, l-intenzjoni tal-Kummissjoni, kif ippreżentata fid-dokument ST 9137/23, li tistabbilixxi Alleanza Ekoloġika mal-Kanada.
2. Fit-30 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill, bħala t-tieni pass fil-proċedura ta' strument mhux vinkolanti, nota b'żewġ Annessi: l-Anness 1 bit-test tal-abbozz tal-Alleanza Ekoloġika bejn l-UE u l-Kanada; u l-Anness 2 b'informazzjoni ġenerali dwar l-Isfida Dinjija tal-Ipprezzar tal-Karbonju. In-nota ġiet iċċirkolata bħala ST 14927/23.

3. Fl-10 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina n-nota tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u esprima kummenti dwar l-Anness 1. Abbażi tal-kummenti li saru u wara aktar negozjati mal-Kanada, il-Kummissjoni rrevediet l-Anness 1 kif indikat fid-dokument ST 15459/23.
4. Fl-14 ta' Novembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-Anness I rivedut. It-test kif jinsab fid-dokument ST 15459/23 ġie maqbul wara dik il-laqgħa.
5. Konsegwentement, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill mistieden jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma l-Alleanza Ekoloġika bejn l-UE u l-Kanada u tingħaqad mal-Isfida Dinjija tal-Ipprezzar tal-Karbonju fisem l-Unjoni Ewropea, kif indikat fid-dokument ST 15459/23 + COR1.